Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **26 ta' Frar 2021**

# Il-mammiferi ta' Malta taħt il-lenti f'webinar ta' Heritage Malta

Il-mammiferi li jgħixu fil-Gżejjer Maltin se jiġu diskussi f'webinar li Heritage Malta se xxandar b'mod dirett fuq Facebook nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu fis-6.30pm.

Bit-titlu *Il-Mammiferi f'Malta – minn Żmien is-Silġ sal-Lum*, il-webinar se jkun jikkonsisti fi preżentazzjoni ta' 20 minuta minn John J. Borg, Kuratur Anzjan għall-Istorja Naturali fi ħdan Heritage Malta, segwita minn sessjoni iqsar ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Il-preżentazzjoni se ssir bil-Malti iżda se jkun hemm sottotitli bl-Ingliż.

Il-parteċipanti se jittieħdu għal dawra virtwali f'Għar Dalam, Wied Dalam u l-inħawi kif ukoll fil-Mużew tal-Istorja Naturali biex jiskopru l-fawna mammifera ta' pajjiżna. Il-preżentazzjoni se tkopri l-wasla f'Malta ta' mammiferi ta' Żmien is-Silġ bħal iljunfanti u ippopotami; l-estinzjoni ta' għadd ta' speċi minħabba diversi fatturi, fosthom il-livell ogħla tal-ilma, l-iżolament, in-nuqqas ta' ikel u l-wasla tal-ewwel bnedmin; kif ukoll is-sopravivenza ta' speċi oħra li rnexxielhom jibqgħu magħna sal-preżent.

John J. Borg se jagħti wkoll tagħrif dwar ix-xogħol li għaddej bħalissa biex jiġi kkompilat l-ewwel Atlas Nazzjonali ta' Mammiferi Maltin, fejn se jiddeskrivi fil-qosor it-tekniki differenti użati biex jinstabu u jiġu rrekordjati mammiferi differenti, jispjega l-proċess ta' diġitizzazzjoni involut u kif wieħed jista' jissottometti s-sejbiet tiegħu fuq il-paġna ta' Facebook tal-Mużew tal-Istorja Naturali.

Aktar tagħrif jinsab hawn: www.heritagemalta.org